# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru, 2015

**Talba Nru: 284/2013/VG**

**Studiografik Limited [C-4012]**

**Vs**

**Caxton Print Shop Limited [C-17080] u b'digriet datat 27 ta' Frar, 2014 giet kjamata fil-kawza is-socjeta International Meats Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-8 ta' Mejju, 2013** u li permezz taghha talbet lis-socjeta ntimata thallasha s-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro u sitt centezmi ta' euro [€3,494.06] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "1. Illi s-socjeta esponenti kienet inkarigata mis-socjeta intimata sabiex taghmel xoghol ta' dizinjar ta' imballag ta' prodotti ta' l-ikel, kif ukoll ghall-provvizjoni ta' stampi mill-istock ta' l-istess socjeta esponenti;
>
> 2. Illi l-hlas ta' dan ix-xoghol, inkluz il-VAT, (ara Dok. A) jammonta ghal €3540 (tliet elef u hames mija u erbghin euro) izda ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri, s-socjeta esponenti qed tirrinunzja l-ammont ta' €45.94 (hamsa u erbghin euro u erbgha u disghin centezmu) u qed tillimita l-pretensjonijiet taghha strettament ghal €3494.06 (tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi);

3. Illi s-socjeta esponenti talbet lis-socjeta intimata ghall-hlas ta' din is-somma, liema somma tikkostitwixxi dejn cert, likwidu, dovut u skadut, anke permezz ta' Ittra Ufficjali bil-procedura tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (ara Dok. B), izda l-istess socjeta intimata baqghet inadempjenti u sal-lum ghadu ma' sar l-ebda hlas;

4. Illi ghall-kuntrarju ta' dak li gie sostnut mis-socjeta intimata fir-risposta taghha ghall-Ittra Ufficjali surreferita, r-rapport dirett u guridiku f'din il-kawza tezisti bejn il-kontendenti imsemmija 'l fuq, u mhux ma' xi terzi;

5. Illi huwa proprju ghalhekk ghalfejn kellhom jinfethu dawn il-proceduri kontra s-socjeta intimata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta esponenti titlob bir-rispett sabiex dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jordna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta esponenti s-somma ta' €3494.06 (tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi) rapprezentanti xogholijiet maghmula minna, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri u tal-Ittra Ufficjali Numru 842/2013 kontra s-socjeta intimata, li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fit-23 ta' Mejju, 2013 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Illi d-domandi attrici fil-konfront tas-socjeta eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrija stante illi x-xoghol mwettaq mis-socjeta attrici u li ghalih qed jintalab il-hlas mis-socjeta eccipjenti li (*recte*: la) saru fuq inkarigu taghha kif lanqas ma saru fl-interess taghha izda biss minn u fl-interess ta' terza persuna u ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta eccipjenti mhiex il-legittimu kontradittur.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri";

Ra d-digriet tas-27 ta' Frar, 2014 fejn giet kjamata fil-kawza s-socjeta International Meats Limited.

Ra **r-risposta tas-socjeta kjamata fil-kawza** minnha mressqa fl-20 ta' Mejju, 2014 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Is-socjeta kjamata fil-kawza qieghda bir-rispett tecepixxi s-segwenti:

(1) Illi fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici fil-konfront taghha hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili;

(2) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti m'hijiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet ta' l-attrici, u ghalhekk ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju;

(3) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, billi l-eccipjenti m'ghandha thallas xejn lill-attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici u l-konvenuta, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti taghhom fi proceduri gudizzjarji"

Ra l-verbal tal-24 ta' Gunju, 2015 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti, inkluż id-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimat il-hlas tas-somma ta' €3,494.06 ghal xoghol ta' dizinjar ta' imballag ta' prodotti ta' l-ikel, kif ukoll ghall-provvizjoni ta' stampi mill-istock taghha. Dan l-ammont huwa inferjuri ghal dak dovut, pero s-socjeta rikorrenti rrinunzjat ghad-differenza ammontanti ghal €45.94c. Qalet li hija ghandha relazzjoni guridika biss mas-socjeta intimata u ma hadd izjed, kuntrarjament ghal dak li qalet l-istess socjeta intimata fir-risposta taghha ghall-ittra maghmula mis-socjeta rikorrenti taht l-artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Is-socjeta intimata laqghet ghal din it-talba billi qalet li t-Talba maghmula fil-konfront taghha hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha stante li x-xoghol mwettaq mis-socjeta rikorrenti u li ghalih qed jintalab il-hlas minnha la sar fuq inkarigu taghha kif lanqas ma sar fl-interess taghha izda biss minn u fl-interess ta' terza persuna u ghalhekk hija ma hijiex il-legittimu kontradittur.

3. B'digriet tas-27 ta' Frar, 2014 giet kjamata fil-kawza s-socjeta International Meats Limited. Hija qalet li l-azzjoni fil-konfront taghha hija perenta a tenur ta' l-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili. Ziedet tghid li lanqas hija ma hi l-legittimu kontradittur ghat-talbiet tas-socjeta rikorrenti u ghalhekk talbet li tinheles mill-osservanza tal-gudizzju. Qalet ukoll li minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi hija ma ghandha taghti xejn lis-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra;

4. Mix-xhieda jirrizulta s-segwenti:

i. **Richard Schembri**, direttur tas-socjeta intimata qal li xoghol is-socjeta intimata huwa ta' stampatrici. Spjega li is-socjeta kjamata fil-kawza kellha bzonn xoghol ta' disinn biex imbaghad jistampah hu. Huwa kien introduca lis-socjeta kjamata fil-kawza mas-socjeta rikorrenti u kienu qablu x'kellha bzonn din ta' l-ewwel. Is-socjeta rikorrenti kienet lestiet xi *samples* u ghaddiethom lis-socjeta kjamata fil-kawza li kienet kuntenta bid-disinji u kienet sahansitra offriet li thallas depositu akkont tax-xogholijiet. Pero, r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti kien qal li kien ghadu kmieni wisq biex jircievi xi tip ta' hlas u dan peress li l-ammont dovut kien jiddependi mill-hin li kien ser jiehu biex jipprepara d-disinji. Qal li kien sar ftehim bejniethom li huwa, bhala l-istampatur, kellu jigi kkuppjat bil-korrispondenza li kienet ghaddejja bejn il-partijiet. Zied ighid li s-socjeta rikorrenti kienet talbet permess lis-socjeta kjamata fil-kawza sabiex tkun tista tixtri xi ritratti minn sit fuq l-*internet*. Din l-awtorizzazzjoni inghatat mis-socjeta kjamata fil-kawza lis-socjeta rikorrenti. Huwa esebixxa *emails* in sostenn ta' dan li gew immarkati bhala dok. RS 2 (a fol. 22 et seq).

Qal li meta s-socjeta rikorrenti giet biex tohrog il-fattura relattiva ghax-xoghol li kienet ghamlet ghas-socjeta kjamata fil-kawza, r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti kien cempillu sabiex jghidlu "*jekk ghandux idahhalli xi commissions*" (fol. 19). Qal li huwa kien wiegbu u qallu li da parti tieghu "*m'hemmx bzonn izid ebda commission biex tithallas mill-klijent pero jekk huwa jixtieq ihallasli drink naturalment kont naccettah*" (fol. 19). Ix-xhud esebixxa ukoll kopja ta' fattura li huwa kien ircieva minghand is-socjeta rikorrenti u li huwa kellhu jghaddi lis-socjeta kjamata fil-kawza. Din l-*email* giet esebita bhala dok. RS 1 (a fol. 21).

Zied ighid li ghax-xoghol ta' stampar huwa thallas u li ghax-xoghol ta' l-iddisinjar ma thallasx u dan peress li meta huwa kien jikkwota prezz, dejjem "*kkwotajt minghajr l-artwork*" (fol. 19). Stqarr li huwa lis-socjeta kjamata fil-kawza qatt ma talabha hlas ghax-xoghol ta' *art work* u disinn li kien sar mis-socjeta rikorrenti.

Ix-xhud esebixxa ukoll *email* ohra li giet immarkata bhala dok. RS 3 (a fol. 33) fejn ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti kien staqsieh jekk is-socjeta kjamata in kawza kienitx ghamlet il-pagament relattiv. Qal li ghall-pagamenti, s-socjeta rikorrenti kienet tikkomunika direttament mas-socjeta kjamata fil-kawza.

Kompla jghid li kienet inqalghet kwistjoni bejn is-socjeta rikorrenti u s-socjeta kjamata fil-kawza ghar-rigward il-kont u dan peress li meta s-socjeta rikorrenti kienet giet inkarigata mis-socjeta kjamata fil-kawza "*ma fthemux dwar hourly rate u lanqas talbu stima u ghaldaqstant meta sussegwentement meta Reno hareg il-kontijiet dawna kienu fl-opinjoni tieghi eccessivi u fil-fatt l-International Meats hasbu li jiena u s-socjeta attrici qed nippruvaw inqarqu bihom*" (fol. 28). Qal li peress li s-socjeta kjamata fil-kawza kienet ilha klijent tieghu, huwa kien offra li jkun medjatur bejn is-socjeta rikorrenti u l-kjamata. Kompla jghid li lis-socjeta rikorrenti huwa kien qalilha li kien gab xi stimi minghand disinjaturi ohra u li ghax-xoghol li kienet ghamlet is-socjeta rikorrenti, l-kont ma kellux jaqbez it-

€3,000 mhux €12,000 kif talbet l-istess socjeta rikorrenti. Fil-fatt is-socjeta rikorrenti kienet qablet ma dan is-suggeriment u naqset l-ammont minn €12,000 ghal €3,000. Qal ukoll li r-rapprezentant tas-socjeta kjamata fil-kawza kien qallu "*Io voglio pagare il giusto*" (fol. 28) u huwa hass li bl-istimi li kien gab dan il-pagament ridott ta' €3,000 kien wiehed gust. Waqt il-laqgha, Giuseppe Trapani, rapprezentant tas-socjeta kjamata fil-kawza ghalkemm ma kienx qal li kien ser ihallas, kien qallu li kien ser jaghtih risposta. Din ir-risposta pero baqghet qatt ma waslet. Sussegwentement, is-socjeta rikorrenti bdiet tibghat il-kontijiet lis-socjeta intimata liema kontijiet kienu jinghataw lis-socjeta kjamata fil-kawza. Huwa kien kellem lir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti u kien qallu sabiex meta jibghat l-*emails* bil-kontijiet, huwa kellu jikkopja lis-socjeta kjamata fil-kawza. Qal li kien wasal zmien fejn huwa beda jinkwieta l-ghaliex ried li din il-kwistjoni tinghalaq u s-socjeta rikorrenti tithallas. Huwa kien reggha kellem lir-rapprezentant tal-kjamata u dan weghdu li anke huwa xtaq jaghlaq din il-kwistjoni izda kien imhabbat. Ghalaq id-deposizzjoni tieghu billi qal li s-socjeta kjamata baqghet ma hallset il-hadd ghax-xoghol li kienet ghamlet is-socjeta rikorrenti. La lilu u lanqas lill-istess socjeta rikorrenti. Zied ighid ukoll li s-socjeta rikorrenti qatt ma harget fattura lis-socjeta kjamata fil-kawza izda din kienet baghtitha lis-socjeta intimata.

In kontro-ezami huwa qal li s-socjeta kjamata fil-kawza kienet avvicinatu biex jaghmel ix-xoghol ghal habta ta' Settembru, 2011. Kien hu li kien avvicina lis-socjeta rikorrenti u staqsieha jekk hi kienitx lesta li taghmel xoghol ta' disinn u wara li kienet irrispondiet fl-affermattiv, huwa kien laqaha mar-rapprezentant tas-socjeta intimata. Cahad li huwa kien diga ghadda xi kampjuni ta' disinn lir-rapprezentant tal-kjamata qabel ma dan kien iltaqa mar-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti. Stqarr li kienu diga saru xi zewg inkontri bejn is-socjeta rikorrenti u dik kjamata qabel ma huwa ghadda l-kampjuni lis-socjeta rikorrenti. Qal ukoll li huwa kien qabel li s-socjeta rikorrenti tohrog il-fattura fuq is-socjeta intimata. Zied ighid li dan ghamlu l-ghaliex huwa kellu relazzjoni twila mas-socjeta kjamata fil-kawza. Da parti tieghu qal li huwa imbaghad kellu jiehu hsieb johrog fattura lis-socjeta kjamata li tinkludi l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti. Imbaghad, wara li kien jigbor dak l-ammont minghand is-socjeta kjamata, huwa jghaddi dak l-ammont lis-socjeta rikorrenti "*minus l-ghaxra fil-mija (10%) commission*" (fol. 31). Il-ftehim kien, kompla jghid ix-xhud, li "*hu jibghat il-kont lili u jiena u hu nithallsu minghand International Meats hu ghax-xoghol tieghu u jiena ghax-xoghol tieghi*" (fol. 31). Zied ighid li "*jiena minn naha tieghi ma kontx oggezzjonajt illi nghid lir-Reno billi nhallih johrog l-invoice minni ghaliex fil-laqgha li kellna bejn International Meats u Reno u jiena dan Giuseppe Trapani ta' International Meats tant kien kuntent bix-xoghol li wrieh Reno illi dak il-hin hareg ic-cekk book u ried jaghtih down payment izda Reno qallu li kien ghadu kmieni wisq biex jaccetta dawn il-flus*" (fol. 31-32). Huwa qal li f'kull kaz, huwa ma kienx intrabat li jaghmel tajjeb ghal dan il-kont. Il-ftehim kien li huwa jghin lis-socjeta rikorrenti tigbor il-hlas minghand is-socjeta kjamata fil-kawza u mhux li huwa jhallas dan l-ammont. Ghalhekk kien accetta li l-kont jinhareg fuq ismu.

Qal ukoll li "*jien ovvjament ghamilt hekk qabel ma rajt il-figuri u sa dak iz-zmien jiena kont ghadni ma nafx kemm kien ser ikun il-kont ta' Studiografik*" (fol. 195).

Ix-xhud qal li ghax-xoghol li kien ghamel ta' l-istampar huwa kien thallas kollox. Kien ghad jonqos x'jithallas biss ix-xoghol ta' l-iddisinjar li kien sar mis-socjeta rikorrenti. Ix-xoghol ta' disinn li kienet ghamlet is-socjeta rikorrenti kien ghar-rigward tal-isem Bonitos, liema isem kien ser jibda jintuza mis-socjeta kjamata fil-kawza ghal prodotti li hija kellha tesporta lejn il-Libja mas-socjeta Cassar & Schembri (Marketing) Limited.

ii. **Reno Psaila**, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti qal li fid-19 ta' Settembru, 2011, Richard Schembri, ghan-nom tas-socjeta intimata kien mar ghandu u nfurmah li "*huwa riedni niddizinjalu 10 cutters ta' qisien differenti ghal xi progett ta' wiehed mll-klijenti tieghu. Qalli li dan il-pogett kien wiehed urgenti. Qalli ukoll illi huwa kien diga ghamel xi xoghol ghal dan il-klijent Taljan li kellu, u li ma kienx hemm problemi dwar flus. Ghaldaqstant jiena accettajt li niehu u nwettaq ix-xoghol mitlub*" (fol. 67). Qal li huwa beda jahdem fuq dan ix-xoghol immedjatament u sa l-ghada kien diga ghamel xi xoghol biex jghaddi ghalih ir-rapprezentant tas-socjeta intimata u jurih lis-socjeta kjamata fil-kawza. Fit-22 ta' Settembru, 2011 huwa kien akkompanja lir-rapprezentant tas-socjeta intimata fl-ufficini tas-socjeta kjamata fil-kawza u "*wara li spiccat din il-laqa jiena kellimt lil Richard (f'dak il-mument konna wahedna barra l-fabbrika) u nformajtu li jiena kont ser naghmel l-invoice fuqu/Caxton Print Shop kif ukoll li kont ser naccetta li jiehu commisison ta' 10% fuq ix-xoghol. Richard accetta dan il-ftehim li sar bejnietna*" (fol. 67). Qal li fil-5 ta' Ottubru, 2011 huwa kien iltaqa mar-rapprezentant tas-socjeta intimata u dak tas-socjeta kjamata fil-kawza biex jiddiskutu d-*design visuals* li kienet lahqet ghamlet is-socjeta rikorrenti. F'din il-laqgha, r-rapprezentant tas-socjeta kjamata fil-kawza Giuseppe Trapani kien staqsieh kemm kien ser jigi jiswa x-xoghol izda huwa ma setax jaghtih prezz l-ghaliex ix-xoghol kien ghadu fl-istadju inizjali. Qal li minkejja dan, l-intiza bejn il-partijiet kienet cara u cioe li huwa xorta wahda kien ser jithallas direttament minghand is-socjeta intimata. Wara lesta x-xoghol u s-socjeta rikorrenti hallset mill-kontijiet taghha lit-tradutur tax-xoghol li kien ghamel biex jitraduci kliem mill-Ingliz ghall-Gharbi. Kompla jispjega li l-klijent kien ghamel xi korrezzjonijiet u emendi fil-pakketti u l-qisien tal-isleeves biex b'hekk huwa spicca jaghmel aktar minn dawn l-oggetti b'qisien differenti. Spicca ghamel ukoll disinn ta' settijiet zejda ghas-suq Libjan u ghas-suq Malti. Fit-28 ta' Ottubru, 2011 huwa talab lis-socjeta intimata sabiex taghtih id-dettalji fiskali taghha, liema dettalji inghataw minnha skond kif mitlub. Ir-rapprezentant tas-socjeta intimata sahansitra kkonfermalu li "*l-commission tieghu ser ikun fuq ix-xoghol/servizz dirett tieghi u mhux fuq il-valur tal-istock photos u t-traduzzjoni*" (fol. 68). Zied ighid li fil-31 ta' Ottubru, 2011 huwa hareg il-fattura bin-numru 7392 u *credit note* bin-numru crd/2011/02 li kien fiha l-*commission* tas-socjeta intimata. Xi jiem wara, kien cempillu r-rapprezentant tas-socjeta intimata u kien infurmah li l-*general manager* tas-socjeta kjamata fil-kawza, Chris Micallef, kien qallu li Giuseppe Trapani, sid is-socjeta kjamata fil-kawza kien ser

ikun sorpriz bil-prezz indikat fil-fattura. Kien ghalhekk, li r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti kien cempel lil imsemmi Chris Micallef "*biex nispjegalu kif l-ammont gie hekk. Spjegajtlu illi peress li kien hemm zieda fid-disinji u settijiet u li kien hemm diversi emendi li kellhom isiru kif indikali l-klijent, kienet haga naturali li ser jghola l-prezz*" (fol. 68). Fix-xhieda moghtija quddiem il-Prim' Awa tal-Qorti Civili fl-24 ta' Frar, 2014 ix-xhud qal li Chris Micallef kien qallu "*nahseb il-boss meta ser jigi lura ser jarah ghali*". Sadanitant lehqu saru aktar ordnijiet ghal aktar materjal. Fil-31ta' Novembru, 2011 is-socjeta rikorrenti harget fattura ohra bin-numru 7402 u credit note bin-numru crd/2011/03. Fit-23 ta' Marzu, 2012 sar inkontru u r-rapprezentant tas-socjeta kjamata fil-kawza kien qallu li ma kienx possibbli li s-socjeta rikorrenti kienet hadmet dak l-ammont ta' sieghat u kien ghalhekk li huwa kien accetta li r-rapprezentant tas-socjeta intimata jmur ghand socjeta ohra li taghmel xoghol bhal dik rikorrenti sabiex igib stima ohra tax-xoghol involut. Qal li huwa kien konvint li din l-istima kienet ser tkun skorretta u dan peress li din il-kumpanija qatt ma kienet rat ix-xoghol maghmul mis-socjeta rikorrenti izda biex jevita d-disgwid huwa kien lest li jaccetta l-ammont approssimattiv li kienet ser taghti din is-socjeta. Biex jaghlaq ix-xhieda tieghu, x-xhud qal li l-artwork finali kollu ntbaghat lis-socjeta intimata, hija kienet irriduciet il-prezz originali ghal istima li kienet ghamlet is-socjeta Logix Communications u dan sabiex jigu evitati l-problemi. Fir-rigward taz-zewg fatturi mahruga mis-socjeta rikorrenti ghax-xoghol li kien sar minnha, x-xhud qal li "*fit-tieni laqgha t-taljan beda jghid dan huwa ghali, dawn il-kontijiet ghaljin u ma riedx jaf u lanqas ghamel xi offerta xejn, ma tani l-ebda offerta bhala figura*" (fol. 158).

Ghar-rigward tal-kliem li kien intuza fid-disinn, x-xhud, meta xehed quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-seduta tal-24 ta' Frar, 2014 qal li "*dan il-kliem li hemm fuq dan il-packaging inghata lilna mill-klijent ta' Caxton Print Shop Limited*" (fol. 155). Qal ukoll li "*Nikkonferma li min-naha ta' International Meats kelli approval by email imbaghad Caxton Print Shop kienu gharrfuni biex inhejji l-final files naghmlu referenza ghalihom ahna*" (fol. 156). Hawn ix-xhud kien qieghed jirreferi ghal-*art work*. Qal ukoll li s-socjeta kjamata fil-kawza kienet baghtitlu d-dati tal-*production dates* u tal-*expiry dates* b'sistema differenti minn dak li kien juza huwa u kien ghalhekk li meta s-socjeta intimata bdiet tistampa l-affarijiet ghas-socjeta kjamata fil-kawza, kien sar zball u dan fis-sens li d-data, flok giet fuq quddiem, kif inhi s-sistema Ewropeja, giet fin-nofs u x-xahar gie fuq quddiem, li hija s-sistema Amerikana. Is-sistema li kellha tintuza kellha tkun dik Ewropeja.

iii. **Giuseppe Trapani**, rapprezentant tas-socjeta kjamata fil-kawza ressaq kopja ta' l-affidavit, maghmul bil-lingwa Taljana, li huwa kien intavola quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet International Meats Limited vs Caxton Printshop Limited (Rik. Mah. Nru. 588/2013/AE). Qal li fl-2005/2006 huwa sar jaf bis-socjeta intimata. Mis-sena 2007 il-quddiem beda jutilizza s-servizzi taghha ghal xoghol ta' *printing*. Fl-ahhar parti tas-sena 2011, is-socjeta

Cassar & Schembri (Marketing) Limited introduciet lis-socjeta kjamata fil-kawza fis-suq Libjan. Din l-ahhar socjeta u s-socjeta kjamata fil-kawza imbaghad bdew jesploraw il-possibilita li jidhlu fis-suq Libjan sabiex ibieghu l-prodotti tal-laham. Ghal dan il-ghan huwa kien inkariga lis-socjeta intimata sabiex tippreparalu l-*printing*, bit-traduzzjoni ghall-Gharbi, ta' diversi prodotti sabiex ikun jista jaghmel il-prodotti tal-laham fihom u jesportahom ghas suq Libjan. Is-socjeta intimata, tramite r-rapprezentant taghha Richard Schembri, kienet introducietu ma Reno Psaila u li dan "*sarebbe stato una persona ideale per poter idealizzare questo progetto*" (fol. 150). Sar inkontru fejn kien hemm prezenti hu, Chris Micallef, li kien il-*general manager* tas-socjeta kjamata fil-kawza, Richard Schembri, ir-rapprezentant tas-socjeta intimata u Reno Psaila, ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti. Qal li f'dan l-inkontru kien gie diskuss x'kollha bzonn is-socjeta kjamata fil-kawza u kienu sahansitra wrew xi disinji li kienu ghamlu hu u Chris Micallef. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti qalilhom li huwa kien ser jibda jahdem immedjatament fuq dawn id-disinji u ftehmu li s-socjeta rikorrenti taghmel id-disinji u t-traduzzjoni filwaqt li s-socjeta intimata taghmel l-istampar ta' kollox. Fit-tieni laqgha li kienet saret ix-xhud kien staqsa lir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti Reno Psaila "*quando costi tu?*" u huwa kien wiegbu u qallu "*Io con voi non parlo di soldi perche lavoro per Richard*" (fol. 151).

Zied ighid ukoll li s-socjeta rikorrenti bdiet taghmel ix-xogholijiet ta' disnji rikjesti meta imbaghad, f'Dicembru, 2011 mar ir-apprezentant tas-socjeta intimata ghandu u kien urieh fattura li kien ircieva b'ammont li gie deskritt mix-xhud bhala "*una cifra grossissima*" (fol. 151). Ix-xhud qal li "*noi abbiamo concordato con Richard che la cifra chiesta era grossa*" (fol. 151). Qal li wara li s-socjeta intimata kienet irceviet dan il-kont, inqalghet kwistjoni bejn l-imsemmija socjeta intimata u s-socjeta rikorrenti u li s-socjeta rikorrenti ma rieditx tirilaxxa ix-xoghol taghha qabel ma din tkun thallset. Dwar il-kwistjoni tal-kont, ix-xhud in kontro-ezami qal li meta r-rapprezentant tas-socjeta intimata kien infurmah bil-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti, u li l-kont kien esagerat, huwa kien infurmah li "*kont ser inkun warajh ghar-rigward ta' dan il-prezz. Dan fis-sens li anke jiena ma kontx qieghed naqbel ma' dan l-ammont*" (fol. 191). Zied ighid li sussegwentement is-socjeta rikorrenti kienet irriduciet il-pretensjoni taghha kontra s-socjeta intimata "*ma questo sviluppo era troppo tardi per essere utile al progetto Bonitos, perche gli ordini della Cassar & Schembri (Marketing) Limited erano gia stati cancellati*" (fol. 152-153). Din ir-riduzzjoni fil-prezz, kompla jghid ix-xhud, kienet saret anke wara intervent da parti ta' Chris Micallef, li kien *general manager* mas-socjeta kjamata fil-kawza. Mistoqsi l-ghala allura imbaghad ma kienx hallas l-ammont ridott, x-xhud qal li "*jien ma hallastux dan l-ammont il-ghaliex il-kumplament tax-xoghol ma rcevejtux minghand is-socjeta intimata li hija l-uniku persuna li s-socjeta minni rapprezentata International Meats Limited taf ghal dan il-kas*" (fol. 191).

Qal ukoll li s-socjeta minnu rapprezentata kienet ikkuntrattat ix-xoghol inkwistjoni mas-socjeta ntimata ghalkemm huwa kien jaf li din ta' l-ahhar kienet

ingaggat is-servizzi tas-socjeta rikorrenti sabiex taghmel dan ix-xoghol. Ikkonferma ukoll li r-rapprezentant tas-socjeta intimata, Richard Schembri kien qallu, mill-ewwel gurnata, li l-hlasijiet ghad-disinn u ghal istampar tal-prodott kellhom isiru dejjem lill-istess socjeta intimata.

In kontro-ezami, x-xhud qal li huwa kien ta l-kunsens tieghu sabiex isiru id-disinji mis-socjeta rikorrenti. Qal li "*id-designs kienu a beneficcju u anke x-xoghol kien a beneficcju tas-socjeta minni rapprezentata u cioe dik kjamata fil-kawza International Meats Limited*" (fol. 190). Qal ukoll li hlas ghax-xoghol li kienet ghamlet is-socjeta rikorrenti qatt ma sar minnu l-ghaliex qatt ma ntalab hlas ghalih. Kull fattura li huwa kien ircieva kollha thallsu, kompla jghid l-istess xhud.

5. Mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta s-segwenti:

i. *Email* datata 28 ta' Settembru, 2011 minn Giuseppe Trapani lil Reno Psaila fejn qallu li jista jipprosegwi bil-kumplament tax-xoghol (fol. 52).

ii. *Email* datata 29 ta' Settembru, 2011 minn Reno Psaila lill-Giuseppe Trapani fejn talab lill-general manager tas-socjeta kjamata fil-kawza Chris Micallef sabiex jikkonferma li huwa jista jixtri u jakkwista "*on your behalf the high res images for sausages, kebabs and skewers*" (dok. RS 2 a fol. 22).

iii. *Email* datata 29 ta' Settembru, 2011 minn Giuseppe Trapani lill-Reno Psaila li tikkonferma li huwa seta jixtri u jakkwista stampi ta' prodotti ta' l-ikel msemmija fl-*email* precedenti (dok. RS 2 a fol. 22).

iv. Ittra datata 19 ta' Ottubru, 2011 mibghuta mis-socjeta intimata lis-socjeta kjamata fil-kawza li fiha gew elenkati l-prezzijiet ghax-xoghol rikjest minn din ta' l-ahhar. F'din l-ittra inghad li "*Design and cutters for the above are not included in any of the above prices and will be quoted at a later stage when jobs are finalized*" (fol. 126).

v. *Email* datata 27 ta' Ottubru, 2011 minn Reno Psaila lill-Richard Schembri fejn ta' l-ewwel staqsa lil ta' l-ahhar ghar-rigward tal-hlas dovut lilu (dok. RS 4 a fol. 34).

vi. *Email* datata 28 ta' Ottubru, 2011 mibghuta minn Reno Psaila lil Richard Schembri fejn talbu d-dettalji u n-numru tal-VAT u *email* ohra ta' l-istess data mibghuta minn Richard Schembri lil Reno Psaila fejn qallu "*Mela le hi issa se twahhaluli zgur ☺*" (dok. SG 1 a fol. 62).

vii. *Email* datata 31 ta' Ottubru, 2011 minn Reno Psaila lill-Richard Schembri li tghid "*dear Richard, Attached is a copy of the invoice that you will show/send to IM. I will send you another one showing 10% discount on the artwork part for your accounts*" (dok. RS 1 a fol. 21);

viii. *Email* datata 9 ta' Jannar, 2012 minn Reno Psaila lil Richard Schembri fejn staqsieh jekk kienx hemm "*any luck with IM settling payments?*" (dok. RS 3 a fol. 33).

ix. *Email* datata 26 ta' Jannar, 2012 mibghuta minn Reno Psaila lil Richard Schembri li fiha jaghti rendikont tax-xoghol minnu maghmul u li fiha qallu ukoll li jispera li dan ir-rendikont jikkjarifika d-dubji li kellu Giuseppe Trapani (fol. 44).

x. *Email* datata 16 ta' April, 2012 mibghuta minn Reno Psaila lil Richard Schembri fejn talbu jekk kellhux xi informazzjoni dwar l-inkontru li kien sar ma Giuseppe Trapani (dok. RS 7 a fol. 43).

xi. *Email* datata 8 ta' Ottubru, 2012 mibghuta minn Richard Schembri lil Giuseppe Trapani fejn talbu sabiex jara li l-kwistjoni (tal-hlas) tigi risolta (dok. RS 6 a fol. 40).

xii. *Email* bla data u li tinsab a fol. 35 (dok. RS 5) li tghid li "*I know and have records of what work I did and delivered but at the end the cheque book is in the client's hands. I do not want to drag it in court since you will be the 'pig in the middle', …*".

xiii. *Email* bla data mibghuta minn Reno Psaila lil Richard Schembri fejn qal li "*After all I did meet your client's request*" (fol. 41).

xiv. *Email* bla data mibghuta minn Giuseppe Trapani lil Richard Schembri fejn qal li "*Ok, la penso come te e il nostro caro amico Reno .. sono super impegnato, ma ti prometto che chiuero* (recte: chiudero) *questa situazione*" (fol. 41).

Ikkunsidra ulterjorment;

6. Illi kemm is-socjeta intimata u kif ukoll is-socjeta kjamata fil-kawza stqarrew li huma ma humiex il-legittimi kontradditturi f'dawn il-proceduri u talbu li jinhelsu mill-osservanza tal-gudizzju. Ir-raguni li s-socjeta intimata tat kienet li "*x-xoghol imwettaq mis-socjeta attrici u li ghalih qed jintalab il-hlas mis-socjeta eccipjenti li* (recte: la) *saru fuq inkarigu taghha kif lanqas ma saru fl-interess taghha izda biss minn u fl-interess ta' terza persuna*" (tergo fol. 14). Din it-terza persuna hija s-socjeta kjamata fil-kawza. Mill-provi johrog, li din l-ahhar socjeta qeghda tghid li hija kienet ikkuntrattat ix-xoghol inkwistjoni mas-socjeta ntimata ghalkemm kienet taf li din ta' l-ahhar kienet ingaggat is-servizzi tas-socjeta rikorrenti sabiex taghmel dan ix-xoghol.

7. Il-prova ta' l-allegata inezistenza tar-rapport guridiku necessarju tinkombi fuq minn iressaq din l-eccezzjoni. Is-socjeta intimata trid tikkonvinci lit-Tribunal li hija ma kellha l-ebda rabta mal-causa petendi ta' l-avviz fil-konfront taghha. L-istess haga trid taghmel is-socjeta kjamata fil-kawza.

8. Mill-provi johorgu zewg punti principali sabiex ikun jista jirrisolva, fil-fehma tat-Tribunal, dan il-punt. L-ewwel wiehed huwa li r-rapprezentant tas-socjeta intimata Richard Schembri kien qabel mar-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti sabiex il-fattura tohrog fuq is-socjeta intimata. F'dan ir-rigward, Richard Schembri, ghas-socjeta intimata kien qal li "*jiena minn naha tieghi ma kontx oggezzjonajt illi nghid lir-Reno billi nhallih johrog l-invoice minni ghaliex fil-laqgha li kellna bejn International Meats u Reno u jiena dan Giuseppe Trapani ta' International Meats tant kien kuntent bix-xoghol li wrieh Reno illi dak il-hin hareg ic-cekk book u ried jaghtih down payment izda Reno qallu li kien ghadu kmieni wisq biex jaccetta dawn il-flus*" (fol. 31-32). It-tieni wiehed huwa li r-rapprezentant tas-socjeta kjamata fil-kawza gharaf li "*id-designs kienu a beneficcju u anke x-xoghol kien a beneficcju tas-socjeta minni rapprezentata u cioe dik kjamata fil-kawza International Meats Limited*" (fol. 190).

9. Irrizulta ukoll li l-avvicinament bejn is-socjeta kjamata fil-kawza u dik rikorrenti kien sar tramite s-socjeta intimata. Fil-fatt, ghalkemm fil-bidu d-diskussjonijiet kienu jsiru bejn is-socjeta intimata u dik rikorrenti rrizulta li maz-zmien, ir-relazzjoni tbiddlet u dahlet ukoll fiha s-socjeta kjamata fil-kawza. Per ezempju, rajna li biex inxtraw xi ritratti sabiex ikunu jistghu jsiru d-disinji mehtiega, kien inghata l-permess minghand is-socjeta kjamata fil-kawza. Hawn it-Tribunal qed jaghmel referenza ghall-*email* datata 29 ta' Settembru, 2011 minn Reno Psaila lill-Giuseppe Trapani fejn talab lill-general manager tas-socjeta kjamata fil-kawza Chris Micallef sabiex jikkonferma li huwa jista jixtri u jakkwista "*on your behalf the high res images for sausages, kebabs and skewers*" li tikkonferma li huwa seta jixtri u jakkwista stampi ta' prodotti ta' l-ikel (dok. RS 2 a fol. 22). Ir-risposta ghal din l-*email* inghatat b'*email* ohra ta' l-istess data minn Giuseppe Trapani, r-rapprezentant tas-socjeta kjamata in kawza "*carissimo Reno, Ti confermiamo il tutto, sia il-disegno, che il fatto di acquistare le foto … perfetto, andiamo avanti cosi che credo che siamo vicinissimi alla soluzione …*" (fol. Dok. RS 2 a fol. 22). Irrizulta ukoll li meta ntbaghat il-kont mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata, din ta' l-ahhar, meta kienet urietu lis-socjeta kjamata fil-kawza ikkontestatu bhala wiehed esagerat u l-istess socjeta intimata kienet gabet stimi ta' xoghol iehor simili minghand kumpanija ohra sabiex turi dan il-fatt u cioe li l-kont kien esagerat. Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti kien sahansitra spjega lir-rapprezentant tas-socjeta kjamata fil-kawza dan il-kont u dan sabiex juri x-xoghol li kien sar da parti tas-socjeta rikorrenti. Da parti taghha, s-socjeta intimata, kienet baghtet ittra lis-socjeta kjamata fil-kawza fid-19 ta' Ottubru, 2011 (fol. 126) fejn fost affarijiet ohra qalet li "*design and cutters for the above are not included in any of the above prices and will be quoted at a later stage when jobs are finalized*". Fl-ittra ma inghadx per ezempju li dan il-prezzijiet sejrin jigu kwotati mis-socjeta rikorrenti fi stadju ulterjuri.

10. Minn dak hawn fuq riportata, u wara li ra l-provi mressqa, hija l-fehma tat-Tribunal li kemm is-socjeta intimata kif ukoll is-socjeta kjamata fil-kawza kienu parti minn dan in-negozju u li ghalhekk hemm lok li huma t-tnejn ghandhom joqghodu f'dan il-gudizzju.

11. Is-socjeta kjamata fil-kawza qalet ukoll li l-azzjoni fil-konfront taghha hija perenta a tenur ta' l-artikolu 2149(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-azzjoni odjerna giet intavolata fid-9 ta' Mejju, 2013 ontra s-socjeta intimata u imbaghad is-socjeta kjamata fil-kawza dahlet ir-risposta taghha fl-20 ta' Mejju, 2014. Il-ftehim kien inbeda f'Settembru, 2011 u kien spicca f'Dicembru, ta' dik l-istess sena.

12. Dan l-artikolu jghid li "*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn: (c) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu*". Ma hemmx dubju li dan huwa l-artikolu applikabbli ghal kaz odjern. Pero, qabel ma t-Tribunal jghaddi ghad-decizjoni tieghu dwar dan il-punt ser jaghmel referenza ghall-artikolu 2151 u 2158 tal-Kodici Civili. Dawn l-artikoli jaqraw hekk:

*2151. (1) Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar erba' artikoli qabel dan, ikun hemm lok għall-preskrizzjoni, għad li kien hemm kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogħolijiet, servizzi, jew qadi ieħor.*

*(2) Iżda, f'kull każ bħal dan, jekk il-kreditu għal dawn ilfornituri, kunsinni, xogħolijiet, servizzi, jew qadi ieħor jirriżulta minn kont aċċettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni oħra taddebitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni ħlief blegħluq ta' ħames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni.*

U

*2158. Il-preskrizzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 2147 sa l-2157, jistgħu wkoll jiġu eċċepiti kontra dak li jkun ħallas għad-debitur, minbarra minn meta l-ħlas ikun sar fuq talba tad-debitur innifsu, jew bi ftehim mad-debitur innifsu, jew meta dak li ħallas kien, bħala garanti, jew bħala debitur in solidum, jew għal skopijiet oħra, jew għal raġunijiet oħra, obbligat iħallas.*

13. Kif rajna, t-Tribunal wasal ghal konkluzzjoni li kemm is-socjeta intimata u kemm dik kjamata fil-kawza ghandhom joqghodu f'dan il-gudizzju. Issa jekk it-Tribunal jiddikjara li s-socjeta intimata ghandha thallas l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti hija fir-rejalta tkun qeghda taghmel dan ghal u fl-interess tas-socjeta kjamata fil-kawza. Rajna ukoll li meta is-socjeta rikorrenti harget il-kont rivedut, is-socjeta intimata accettatu tant li hija bdiet tinsisti mar-rapprezentant tas-socjeta kjamata fil-kawza sabiex thallsu. Dan il-hlas, is-socjeta kjamata fil-kawza baqghet ma ghamlitux.

14. Nafu ukoll li meta persuna tigi kjamata fil-kawza, dan ikun qieghed isir ghal ekonomija tal-gudizzju u sabiex ma jkunx hemm possibilita ta' gudizzji kontradittorji.

15. Fil-fehma tat-Tribunal, dawn l-artikoli tal-ligi hawn appena citati u cioe l-artikoli 2151 u 2158 japplikaw ghal kaz odjern u ghalhekk, peress li t-Tribunal ser isib li l-

ammont reklamat huwa dovut miz-zewg socjetajiet intimati in solidum bejniethom, ma jistax jilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqal mis-socjeta kjamata fil-kawza.

16. Ghar-rigward ta' l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti, s-socjeta intimata u dik kjamata fil-kawza, dan ma giex ikkontestat u ghalhekk it-Tribunal sejjer joqghod fuq id-dokumentazzjoni esebita f'dan ir-rigward.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi:

1. Jichad l-eccezzjoni tas-socjetaintimata fejn din qalet li hija ma hijiex il-legittimu kontradittur;
2. Jichad l-eccezzjoni tas-socjeta kjamata fil-kawza fejn din qalet li ma hijiex il-legittimu kontradittur;
3. Jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mis-socjeta kjamata fil-kawza;
4. Jichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tas-socjeta intimata u dik kjamata fil-kawza in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz.
5. Jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta intimata u dik kjamata fil-kawza in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-istess socjeta rikorrenti l-ammont ta' tlett elef erba' mija erba' u disghin euro u sitt centezmi (€3,494.06c) bl-imghaxijiet kummercjali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data tal-prezentata ta' din it-Talba u cioe mid-9 ta' Mejju, 2013 sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez tal-proceduri kollha ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta intimata u dik kjamata fil-kawza in solidum bejniethom.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**